MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 389/2011

**Anthony u Rose konjugi Buttigieg (462863M u 327363M)**

**Vs**

**Martin Gauci**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess atturi is-somma ta’ €7,000 (seba t’elef Euro) rapprezentanti danni inkluz rifuzjoni ta’ ammont lill-konvenut imhallas biex isir xoghol fil-fond appartenenti lir-rikorrenti, liema xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjes inkluz l-ittra ufficjali 166A u l-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet moghti mill-istess Qorti fil-11 ta' Jannar 2012 (fol 12 u fol 13 ibid) u li permezz tieghu, l-konvenut gie notifikat skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-istess konvenut bl-ebda mod, ma kkontesta t-talbiet attrici.

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-attur xehed Anthony Buttigieg, fis-seduta mizmuma llum stess, u dan ikkonferma, taht gurament, illi l-ammont mitlub fir-rikors promotur ghadu dovut, kollu kemm hu, sallum stess. Ghalhekk, fin-nuqqas, ukoll, ta' xi opposizzjoni da parti tal-konvenut, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' €7,000 bl-imghax legali mid-data mhix specifikata tal-ittra ufficjali msemmija fl-istess rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------